31963R0007

2849/63 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.12.1963

IR-REGOLAMENT Nru 7/63/EURATOM TAL-KUNSILL
tat-3 ta' Diċembru 1963
fuq ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ previst fl-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu;

Wara li kunsidra l-proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja;

Billi l-Kunsill, li qed jaħdem fuq proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ;

Billi, meta jitwaqqfu l-mod li fih il-Kumitat ta' l-Arbitraġġ għandu jiġi organizzat u mħaddem kif ukoll il-proċedura li l-Kumitat għandu jsegwi, ikun importanti li jitmexxa 'l quddiem ir-rikors għal dak il-Kumitat biex isolvi kull kwistjoni li tista' tinqala' meta jingħataw il-liċenzi;

Billi, għal dan il-għan, ikun xieraq li l-Kumitat ta' l-Arbitraġġ ikun magħmul minn ċittadini ta' l-Istati Membri li jkollhom it-taħriġ jew l-esperjenza legali jew teknika meħtieġa għat-tħaddim proprju tal-Kumitat f'oqsma varji; billi l-Kumitat għandu jservi fil-forma ta' bordijiet ta' arbitraġġ magħmula minn numru limitat ta' arbitri; billi għandu jkun possibbli li jipproponi lill-partijiet ikkonċernati, f'kull stadju tal-proċedura, arranġament permezz ta' soluzzjoni, u din il-proċedura għandha tkun bla ħlas;

Billi l-membri tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ għandhom iwettqu d-doveri tagħhom b'awtonomija sħiħa, u għalhekk għandhom ikunu ħielsa minn proċeduri ġudizzjarji dwar kull azzjoni li huma jkunu wettqu waqt ir-rapport uffiċjali tagħhom;

Billi huwa importanti li jkun ristrett kemm jista' jkun il-limitu tal-makkinarju amministrattiv meħtieġ għat-tħaddim proprju tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ kif ukoll l-ispejjeż li jiġu minn dan, u għal dan il-għan ikun importanti li r-reġistrazzjoni tal-Kumitat tkun mehmuża lill-Qorti tal-Ġustizzja;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Il-Komposizzjoni tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ

Artikolu 1

Paragrafu 1

Il-Kumitat ta' l-Arbitraġġ previst fl-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") għandu jkun magħmul minn President, żewġ Viċi-Presidenti u tnax-il membru ieħor li jkunu ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità. Dawn għandhom jintgħażlu minn fost dawk il-persuni li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-awtonomija tagħhom u li jkollhom l-għarfien tekniku jew legali meħtieġ għat-tħaddim proprju tal-Kumitat. Dawn għandhom jinħatru għal sitt snin mill-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (minhawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill").

Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu jgawdu d-drittijiet kollha taċ-ċittadinanza, u l-President u l-Viċi-President għandhom, ukoll, ikollhom l-għarfien legali meħtieġ u jaderixxu l-kondizzjonijiet meħtieġa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom biex jeżerċitaw l-uffiċċju ġudizzjarju tagħhom.

Meta l-Kunsill jaħtar il-membri tal-Kumitat, dan għandu jkun sodisfatt li jkun hemm bilanċ xieraq bejn il-membri li jkollhom taħriġ jew esperjenza legali u dawk li jkollhom it-taħriġ jew l-esperjenza teknika.

Paragrafu 2

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") għandha tissottometti lill-Kunsill tmintax-il kandidat għalbiex jimtlew il-postijiet ta' President u Viċi-President tal-Kumitat, u sitta u tletin kandidat ieħor għall-postijiet l-oħra li jridu jimtlew fuq il-Kumitat.

Il-kandidati li ma jkunux inħatru mill-Kunsill għall-postijiet ta' President u Viċi-President tal-Kumitat għandhom jitqiesu wkoll għall-postijiet l-oħra.

Paragrafu 3

Il-President tal-Qorti għandu, b'xahrejn bil-quddiem, jinforma lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri dwar id-data li fiha l-Qorti tkun beħsiebha tfassal il-lista tal-kandidati li għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill.

Paragrafu 4

Il-membri tal-Qorti għandhom jagħżlu minn fost dawn il-kandidati dawk li għandhom ikunu proposti lill-Kunsill. L-għażla għandha ssir permezz ta' votazzjoni sigrieta.

Il-kandidati li jiksbu maġġoranza assoluta fl-ewwel votazzjoni, jew maġġoranza sempliċi fit-tieni votazzjoni, għandhom jiġu proposti.

Paragrafu 5

Kull membru maħtur mill-Kunsill għandu jgħarraf lill-Kunsill, fi żmien tletin ġurnata mill-ħatra tiegħu, jekk dan ikunx aċċetta l-ħatra. Fil-kaz li dan ma jwegibx inkella jirrifjutaha, l-ħatra titqies daqslikieku qatt ma saret u l-Kunsill għandu jaħtar lil membru ieħor.

Paragrafu 6

Il-ħatra tal-membri tista' tiġġedded.

Artikolu 2

Paragrafu 1

Il-Kumitat għandu jkun magħmul wara li l-membri kollha maħtura jkunu aċċettaw l-inkarigu.

Paragrafu 2

Meta dawn jieħdu l-inkarigu tagħhom, il-membri tal-Kumitat għandhom, quddiem il-Qorti u f'qorti miftuħa, jieħdu l-ġurament li dawn se jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod imparzjali u kuxjenzjuż; li jżommu s-segretezza tad-deċiżjonijiet tagħhom; u, kemm waqt kif ukoll wara ż-żmien tal-kariga tagħhom, li se jħarsu l-obbligi li jkunu ġejjin minn dan l-inkarigu, l-aktar l-obbligu li jġibu ruħhom b'integrità u diskrezzjoni dwar it-twettiq ta' ċerti doveri jew l-aċċettazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

Artikolu 3

Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu ħielsa minn kull proċeduri ġudizzjarji dwar atti li huma setgħu wettqu matul ir-rapport uffiċjali tagħhom, inkluż kliem li jkun intqal jew inkiteb. Wara li huma jkunu temmew l-uffiċċju tagħhom, dawn għandhom ikomplu jgawdu din l-immunità.

Il-Qorti, ippreseduta f'sessjoni plenarja, tista' tirrinunzja din l-immunità.

Artikolu 4

L-ebda membru tal-Kumitat ma jista' jieħu sehem fid-deċiżjoni ta' xi każ li fih hu jkun ħa sehem qabel bħala aġent jew konsulent, jew inkella jkun ħadem għal xi waħda mill-partijiet, jew li fih hu jkun issejjaħ biex jagħti pronunzja bħala membru ta' qorti jew ta' kummissjoni ta' inkjesta jew f'xi kapaċità oħra.

Jekk, għal xi raġuni speċjali, wieħed mill-membri tal-Kumitat iqis li m'għandux jieħu sehem fid-deċiżjoni jew fl-eżami ta' każ partikolari, dan għandu jinforma lill-President tiegħu. Jekk, għal xi raġuni speċjali, l-President tal-Kumitat iqis li xi membru m'għandux jieħu sehem f'każ partikolari, dan għandu javża lil dak il-membru kif xieraq.

Kull diffikultà li tkun ġejja mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tissolva b'deċiżjoni tal-Kumitat.

Artikolu 5

Paragrafu 1

Barra minn tibdil, jew mewt, l-obbligi ta' membru tal-Kumitat jintemmu hekk kif dan jirrizenja.

Meta membru jirriżenja, l-ittra tiegħu tar-riżenja għandha tkun indirizzata lill-President tal-Qorti biex jgħaddiha lill-President tal-Kunsill. Kif appena l-President tal-Qorti jirċievi l-ittra, għandu jkun hemm vakanza għall-post.

Ħlief fejn tkun tgħodd il-paragrafu 2, kull membru għandu jkompli jokkupa l-kariga ta' dak li jkun irriżenja sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu u jieħu l-inkarigu li kellu t-tali.

Paragrafu 2

Il-membri tal-Kumitat jistgħu ma jitħallewx ikomplu jokkupaw il-kariga tagħhom biss jekk, fl-opinjoni unanima ta' l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti, dawn ma jkunux għadhom jaderixxu l-kondizzjonijiet rekwiżiti jew l-obbligi marbuta mal-kariga tagħhom.

Ir-Reġistratur tal-Qorti għandu javża b'din id-deċiżjoni tal-Qorti lill-membru konċernat.

Fejn b'deċiżjoni membru tal-Kumitat jitneħħa mill-kariga tiegħu, l-vakanza tinħoloq hekk kif joħroġ l-avviż.

Artikolu 6

Paragrafu 1

Membru li jkun se jsir flok ieħor li ż-żmien tal-kariga ta' dan ta' l-aħħar ma jkunx għadu skada għandu jingħażel mill-Kunsill għall-bqija tat-terminu tal-predeċessur tiegħu. Dan għandu jingħażel minn fost l-aħħar kandidati li jkunu ġew innominati mill-Qorti taħt l-Artikolu 1. Il-Kunsill jista', madanakollu, jistieden lill-Qorti biex din tinnomina tliet kandidati oħra.

Paragrafu 2

F'każ li l-President tal-Kumitat ma jattendix jew ma jkunx jista' jattendi, l-obbligi tiegħu għandhom jitwettqu mill-Viċi-President li jkollu l-itwal servizzi jew, f'każ li ż-żewġ Viċi-Presidenti jkunu servew l-istess numru ta' snin, dak li jkun l-aktar anzjan fosthom.

Artikolu 7

Il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Qorti, jistabbilixxi l-pagamenti li għandhom isiru lill-membri tal-Kumitat.

Artikolu 8

Il-Kumitat għandu jkollu s-sede tiegħu fil-post fejn il-Qorti għandha s-sede tagħha. Il-bord ta' l-arbitraġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10 jista', bi ftehim mal-partijiet, jiddeċiedi b'mod mhux tas-soltu li jiltaqa' f'post ieħor fil-Komunità.

Artikolu 9

L-obbligi tar-Reġistratur tal-Kumitat għandhom jitwettqu minn uffiċjal tal-Qorti li l-Qorti għandha, bi ftehim mal-President tal-Kumitat, taħtar għal dak il-għan. L-obbligi tiegħu għandhom ikunu stabbiliti mill-Kumitat fuq proposta mill-President u għandhom ikunu approvati mill-Qorti.

Ħatra tal-membri ta' l-arbitraġġ u l-għażla tal-lingwa uffiċjali

Artikolu 10

Paragrafu 1

Fejn kwistjoni tispiċċa quddiem il-Kumitat, għandha tintbagħat kopja ta' ftehim speċjali bejn il-partijiet, fis-sens ta' l-Artikoli 20 u 22 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, lill-President tal-Kumitat.

Il-Kumitat għandu jservi fil-forma ta' bordijiet ta' arbitraġġ magħmula kollha minn tliet arbitri. Kull bord ikun magħmul mill-President jew minn wieħed mill-Viċi-Presidenti u minn tnejn mill-membri tal-Kumitat. Kull parti li jkun hemm fi kwistjoni għandha tagħżel wieħed minn dawk iż-żewġ membri.

Il-President tal-Kumitat għandu, b'konsultazzjoni mal-Viċi-Presidenti, jaqsam magħhom ix-xogħol ta' l-arbitraġġ li jkun hemm fil-kwistjonijiet imqajma biex ikun żgurat li, għall-benefiċċju tal-partijiet, tithaffef is-soluzzjoni tal-kwistjonijiet tagħhom. Għandu jkun hemm bordijiet ta' arbitraġġ daqskemm ikun hemm kwistjonijiet. Il-President u l-Viċi-Presidenti tal-Kumitat jistgħu jassumu l-Presidenza ta' aktar minn bord wieħed fl-istess żmien, waqt li kull wieħed mill-membri l-oħra jistgħu jieħdu sehem f'aktar minn bord ta' arbitraġġ wieħed fl-istess żmien.

Paragrafu 2

Minkejja l-obbligu tagħhom li jassumu l-Presidenza tal-Kumitat meta l-President ma jattendix jew ma jkunx jista' jattendi, l-Viċi-Presidenti għandhom jippresiedu l-bordijiet ta' l-arbitraġġ kif maħtura mill-President tal-Kumitat.

Hekk kif kwistjoni tinġieb quddiem il-Kumitat, il-President tal-Kumitat għandu jkun il-President tal-bord ta' l-arbitraġġ jew inkella dan għandu jaħtar wieħed mill-Viċi-Presidenti bħala President ta' dak il-bord. Il-President tal-bord ta' l-arbitraġġ għandu mbagħad jistabbilixxi l-limitu ta' żmien għal kull parti, liema limitu ma jkunx jaqbeż aktar minn xahar, li matulu dawn għandhom isemmu bil-miktub il-membri tal-Kumitat li huma jkunu għażlu bħala arbitri.

Il-limitu ta' żmien previst fis-sotto-paragrafu ta' qabel jista', fuq talba raġunata minn waħda mill-partijiet, ikun estiż għal perjodu simili mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ.

Fejn waħda mill-partijiet tonqos milli tagħżel arbitru fiż-żmien stipulat, il-ħatra ta' dan l-arbitru għandha ssir mill-President tal-Qorti, fuq talba mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ

Paragrafu 3

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 4 jew f'xi ċirkostanza oħra fejn l-arbitru ma jitħalliex jieħu sehem fil-proċeduri, l-parti li tkun għażlet lil dak l-arbitru jew li, fiċ-ċirkostanzi msemmija fir-raba' sotto-paragrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kellha tkun għażlitu hija, għandha taħtar arbitru ieħor fi żmien xahar. Ir-raba' sotto-paragrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tgħodd *mutatis mutandis*.

Paragrafu 4

Fejn arbitru jinbidel matul il-proċeduri, l-azzjoni għandha tissokta 'l quddiem minn dak l-istadju li tkun laħqet minn meta jkun inħoloq il-vojt. Madankollu, fejn l-arbitru l-ġdid jagħmel talba, il-proċeduri bil-fomm jistgħu jerġgħu jibdew mill-ġdid.

Artikolu 11

Paragrafu 1

B'deroga mill-Artikolu 10, il-partijiet jistgħu jispeċifikaw bi ftehim speċjali li l-kwistjoni tagħhom għandha tkun sottomessa għad-deċiżjoni ta' arbitru wieħed biss magħżul *ad personam* (il-President tal-Kumitat, Viċi-President jew membru ieħor) jew inkella ta' bord ta' arbitraġġ li jkun magħmul, bil-President inkluż, minn erba' membri, b'kull parti tinnomina żewġ membri.

Paragrafu 2

Il-ftehim speċjali fuq l-arbitraġġ għandu jispeċifika s-suġġetti fil-kwistjoni, iniżżel id-domandi li fuqhom l-arbitri għandhom jagħtu l-ġudizzju, u jiddikjara l-bażi użata mill-partijiet biex iddeċidew minn kif ikun magħmul il-bord ta' l-arbitraġġ.

Artikolu 12

Il-proċeduri għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità. Il-lingwa tal-proċeduri għandha tingħażel mis-sid tal-patenti, tal-jeddijiet proviżorjament protetti, tal-mudell ta' utilità jew inkella ta' l-applikazzjoni ta' patenti.

Il-bord ta' l-arbitraġġ jista', madankollu, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet u wara li jkun sama' l-parti l-oħra, jawtorizza l-użu parzjali jew sħiħ ta' lingwa uffiċjali oħra bħala lingwa proċedurali. Din it-talba ma tistax issir mill-Kummissjoni tal-KEEA.

Konċiljazzjoni

Artikolu 13

Paragrafu 1

Il-bord ta' l-arbitraġġ jista' f'kull stadju tal-proċeduri jissuġġerixxi lill-partijiet ftehim ta' konċiljazzjoni.

F'dak il-każ il-bord ta' l-arbitraġġ għandu, fi tmiem l-inkjesta tiegħu, jinforma lill-partijiet jew bil-fomm jew bil-kitba dwar it-termini ta' l-abbozz tal-ftehim li għandu jkun rakkomandat biex ikun aċċettat mill-partijiet, waqt li jitlobhom jiddeċiedu dwaru f'perjodu stabbilit. Dan għandu jinforma lill-partijiet jew bil-miktub jew bil-fomm dwar ir-raġunijiet, fl-opinjoni tiegħu, għaliex dawn għandhom jaċċettawh.

Paragrafu 2

Jekk il-partijiet jaċċettaw il-ftehim ta' konċiljazzjoni, għandu jitfassal rapport li fih jingħataw it-termini tiegħu u jkun iffirmat mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ, mir-Reġistratur u l-partijiet. Għandha tingħata kopja lill-partijiet li tkun iffirmata mill-President tal-bord u r-Reġistratur. Il-President tal-bord ta' l-arbitraġġ għandu jkun sodisfatt li d-deċiżjoni tkun twettqet mill-partijiet. Jekk il-partijiet jonqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom fiż-żmien stipulat imsemmi fir-rapport tal-konċiljazzjoni, il-bord ta' l-arbitraġġ għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

Paragrafu 3

Jekk parti waħda jew it-tnejn ma jaċċettawx l-arranġament u l-bord ta' l-arbitraġġ iqis bħala inutli li jipprova jikseb il-ftehim tal-partijiet fuq termini oħra, il-każ għandu jissokta għall-ġudizzju. Wara, id-deċiżjoni tal-bord għandha tirreġistra li ma jkun inkiseb l-ebda ftehim bejn il-partijiet, iżda d-deċiżjoni m'għandhiex tipproduċi mill-ġdid it-termini tal-ftehim li kien propost.

Proċeduri

Artikolu 14

Il-bord ta' l-arbitraġġ għandu jiddeċiedi jekk għandux ikun hemm skambju ta' dikjarazzjonijiet bil-mitub qabel is-seduti orali. F'dan il-każ il-President tal-bord għandu jistabbilixxi n-numru ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub u l-limiti taż-żmien li għandhom jitħarsu.

Ir-Reġistratur għandu jinforma lill-partijiet b'dawn il-limiti taż-żmien, waqt li l-partijiet għandhom jindirizzaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom bil-miktub lir-Reġistratur; dan ta' l-aħħar għandu jibgħat id-dikjarazzjonijiet lill-partijiet opposti u jħejji l-fajl għall-arbitraġġ.

Il-President tal-bord ta' l-arbitraġġ għandu jiffissa d-data u l-ħin għall-ewwel seduta. Ir-Reġistratur għandu jibgħat din l-informazzjoni lill-partijiet fi żmien adekwat.

Artikolu 15

Meta, f'każ li jkun jaqa' taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 14, waħda mill-partijiet ma tibgħatx id-dikjarazzjonijiet miktuba

tagħha fiż-żmien preskritt mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ, dan ta' l-aħħar għandu xorta jiffissa d-data u l-ħin għall-ewwel seduta.

Jekk waħda mill-partijiet, li tkun ġiet imsejħa kif xieraq, ma tkunx preżenti, l-bord ta' l-arbitraġġ jista' jiddeċiedi favur is-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra, wara li dan ikun aċċerta ruħu li dawk is-sottomissjonijiet kienu raġunati jew skond il-liġi jew inkella skond il-fatti. Il-bord ta' l-arbitraġġ jista' wkoll, fejn jikkunsidra dan bħala tajjeb, jagħmel sejħa għal seduta oħra.

Artikolu 16

Kull parti tista' tkun rappreżentata jew megħjuna minn konsulent wieħed jew aktar. Kull parti għandha tavża lir-Reġistratur kemm jista' jkun malajr dwar il-ħsieb tagħha dwar dan, u r-Reġistratur għandu jinforma lill-parti opposta dwar dan. Id-depożitu tal-konsulent dwar il-ftehim speċjali jew dwar id-dikjarazzjonijiet bil-miktub għandu jieħu post din in-notifika.

Artikolu 17

Fejn il-bord ta' l-arbitraġġ iqisha ta' vantaġġ, dan jista' jwettaq spezzjoni; il-partijiet jistgħu jkunu preżenti hemmhekk.

Artikolu 18

Il-bord ta' l-arbitraġġ għandu jiddeċiedi kif għandhom jitwettqu l-proċeduri u ż-żmien tagħhom. Il-bord għandu jagħmel valutazzjoni tax-xiehda skond kif jidhirlu tajjeb.

Artikolu 19

Is-seduta għandha titmexxa mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ. Din tista' ssir fil-pubbliku biss jekk il-bord ta' l-arbitraġġ, flimkien mal-partijiet, ikun iddeċieda hekk.

Għandhom isiru l-minuti ta' kull seduta li jiġu firmati mill-President tal-bord ta' l-arbitraġġ u mir-Reġistratur.

Artikolu 20

Meta l-partijiet ikunu temmew jispjegaw il-każijiet tagħhom, is-seduta għandha tkun dikjarata bħala waħda magħluqa.

Sakemm tkun ingħatat id-deċiżjoni, madankollu, l-bord ta' l-arbitraġġ għandu jkollu s-setgħa li jiftaħ mill-ġdid is-seduta fejn ikun hemm xiehda ġdida li jista' jkollha influwenza deċiżiva fuq l-opinjoni tiegħu, jew fejn, wara eżami aktar dettaljata, dan ikun jixtieq jiċċara ċerti punti.

Artikolu 21

Il-kunsiderazzjonijiet tal-bord ta' l-arbitraġġ għandhom ikunu u għandhom jibqgħu sigrieti. Id-deċizjonijiet kollha tal-bord ta' l-arbitragg għandhom jittiehdu permezz ta' vot tal-maggoranza.

Artikolu 22

Id-deċiżjoni ta' l-arbitraġġ għandha ssir bil-kitba u jkollha fuqha d-data tal-ġurnata meta din tkun ġiet iffirmata. Din għandha ssemmi l-ismijiet ta' l-arbitri u għandha tkun iffirmata minnhom; din għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ġiet ibbażata d-deċiżjoni; il-ftehim speċjali li l-każ jintbagħat għall-arbitraġġ jista', madankollu, jipprovdi li r-raġunijiet għal ċerti punti speċifiċi ma jingħatawx.

Il-bord ta' l-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li d-deċiżjoni tinqara fil-qorti miftuħa, bil-partijiet ikunu preżenti jew inkella msejħa kif xieraq.

Id-deċiżjoni għandha tkun avżata lill-partijiet mingħajr dewmien.

Artikolu 23

F'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u mal-prinċipji ġenerali u komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, l-bord ta' l-arbitraġġ għandu jiddeċiedi *ex aequo et bono*.

Artikolu 24

Dan ir-Regolament għandu jkun jgħodd fil-każijiet kollha, inklużi dawk fejn, f'konformità ma' l-Artikolu 11(1), il-kwistjoni għandha tkun sottomessa għal għand arbitru wieħed biss jew inkella għal għand bord ta' arbitri ta' ħames membri.

Dispożizzjonijiet finanzjarji u ta' l-estimi

Artikolu 25

Il-proċeduri ta' qabel il-Kumitat għandhom ikunu bla ħlas. L-ispejjeż li jkunu saru mill-Kumitat, bħall-pagamenti msemmija fl-Artikolu 7, l-ispejjeż tar-reġistru u spejjeż amministrattivi oħra, kif ukoll spejjeż proċedurali għall-għan ta' konċiljazzjoni jew ta' arbitraġġ, għandhom jitħallsu mill-estimi operattivi tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, f'Kapitolu separat fir-Taqsima IV dwar il-Qorti.

Artikolu 26

L-ispejjeż definiti bħala li jiġu rkuprati fl-Artikolu 73 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti għandhom jitħallsu mill-partijiet. Jekk il-partijiet ma jkunux ftehmu fuq l-ispejjeż fi ftehim speċjali li hemm imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-bord ta' l-arbitraġġ għandu

jiddeċiedi hu fuq dawn l-ispejjeż *ex aequo et bono*. L-iskala tal-piżijiet prevista fl-Artikolu 15(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti għandha tkun tgħodd.

Fejn ikun hemm kwistjoni dwar spejjeż li jinkisbu mill-ġdid, il-bord ta' l-arbitraġġ li jkollu f'idejh il-każ għandu jagħti l-ġudizzju tiegħu permezz ta' ordni, u fuq it-talba tal-parti konċernata, wara li jkun sama' l-kummenti tal-parti l-oħra.

Artikolu 27

L-ispejjeż li xi parti tkun ġiet obbligata tħallas għall-għan ta' infurzar għandhom ikunu rimborżati mill-parti l-oħra skond l-iskala tal-piżijiet operattivi fl-Istat fejn ikun sar l-infurzar.

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 28

Dan ir-Regolament jista', fuq proposta mill-Qorti, jkun rivedut u miżjud f'kull żmien wara li l-Kumitat ikun beda jwettaq l-obbligi tiegħu. Il-President u l-Kumitat jistgħu jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom lill-Qorti biex ir-regoli tal-proċedura li hemm f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu emendati jew miżjuda.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-3 ta' Diċembru 1963.

Għall-Kunsill

Il-President

J. M. A. H. LUNS